MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 88/2004

**Il-Puluzija
(Spt. Joseph Mercieca)
Vs**

**Salvino Muscat**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn l-ahhar xhur u cioe mill-11/01/2003 sas-17/04/2003 naqas milli:**

**1. Jaghti l-ammont dovut bhala manteniment lil martu Michelle Anne-Marie Hadley u lil bintu minuri Arianna Muscat u dana skond l-Art 338 (z) tal-Kap.9;**

**2. U aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija fis-7/03/2003 mill-Qorti ta' l- Appell Kriminali Imhallef De Gaetano LL. D. u dan a tenur ta' l-artikoli 49 u 53 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Marzu 2004, li biha wara li rat l-artiklu 338(2), 17, 7, 12, 49 u 53 tal-Kap 9 u ikkundannatu ghal xahar u nofs detenzjoni.**

**Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 t'April, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.**

**Fliet l-atti kollha processwali ;**

**Semghet ix-xhieda fil-kors tal-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2004;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-piena inflitta kienet wahda esagerata w dana wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe' li kien hemm periodu li fih ma kienx qed jahdem wara li kien iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni w ghalhekk ma kienx qed jghaddi flus lil martu . Illi meta wara ftit xhur beda jahdem , beda jghaddi lil martu dak li seta' fi flus kontanti. Izda martu bdiet tiftahlu kawzi w takkuzah li qatt ma hallasha xejn. Li l-appellant ma kienx qed jaghmel dan b'disprezz tal-Qorti w lanqas bi sfida izda ghaliex minn paga ta' LM280 fix-xahar , wara li jaqta LM100 tal-kera tal-post fejn joqghod , huwa ma setax ihallas il-manteniment kollu ghax ma kienx jifaddlu biex jghix hu. Illi ibnu issa sar maggorenni . Illi bis-sentenza tal-habs hu ser jitpogga f' sitwazzjoni aktar gravi stante l-possibilita' li jitlef l-impieg tieghu w**

**umbaghad ikun difficli ghalieh li jsib xoghol iehor b'fedina penali mcappsa . Illi omm l-appellant tinsab f'xifer il-mewt u ma jixtieqx li ma jkunx jista' jassistiha ghax ikun detenut .**

**Ikkonsidrat ;**

Illi ghalkemm l-aggravju kif redatt donnu hu intiz biex jolqot il-piena aktar milli d-dikjarazzjoni ta' htija , mill-mod kif saret it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata u mhux ghar-riforma taghha jidher li l-aggravju jirrigwarda ukoll is-sejbien ta' htija u mhux biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u din il-Qorti hekk ser tittrattah .

Illi ormai illum hemm gurisprudenza kostanti w kopjuza dwar din il-materja izda, minkejja dan, xorta wahda qed jigu prezentati rikorsi tal-appell bl-istess sensiela ta' aggravji li din il-Qorti ripetutament qed tirrespingi bhala nfondati . Dan ser ikollu jwassal biex appelli simili jigu ritenuti bhala fiergha ghaliex qed jinstab li qed jigu intavolati meta l-punti legali relattivi gja jinsabu decizi min din il-Qorti .

**Illi b'dana kollu din il-Qorti ser tirriepiloga l-principji regolaturi li jemergu minn din il-gurispudenza . Hekk gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali** "Il-Pulizija vs. Nazzareno Carabott**" [30.4.2004] :-**

***"Illi il-gurisprudenza in materja illum hija wahda ormai stabilita w maghrufa . Hekk gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (****Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; [15.7.1998] )* ***li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anki f' kaz li persuna tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas***

***jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet ."***

***"Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta' manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija , fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza , tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta' Appell Kriminali , tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha".*** **(ara ukoll** App. Krim. "Pulizija vs. Alfred Camilleri " [18.9.2002] )

**Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Mario Borg" **(App. Krim. Nru. 166/03) deciz minn din il-Qorti preseduta mis-Sinjorija Tieghu, l-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fit-23 ta' Dicembru, 2003 u ghall-principji ta' dritt fiha enuncjati**
Illi umbaghad , kif gie ritenut fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Norbert Borg**" [30.4.2003] :-

*"…..l-artikolu 338 (z) tal-Kap.9 kien gie emendat bl-Att III tas-sena 2002 biex johloq kontravvenzjoni anki fil-kaz ta' persuna li tinsab hatja talli, meta tkun marbuta b'kuntratt , tonqos li taghti lil martu somma stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dak il-kuntratt ikollha jhallas dik is-somma. Din l-emenda dahlet in vigore fl-1 ta' Mejju, 2002. Qabel din id-data w sa mill-1986 il-kontravvenzjoni kienet tkopri biss kazijiet ta' persuni li ma jhallsux tali manteniment li jkun iffissat b'ordni ta' xi Qorti."*

**Illi hu ovvju li dak li japplika ghall-skuzanti biex ma jithallas manteniment ordnat u iffissat b' Digriet jew sentenza tal-Qrati japplika ukoll ghall-kazijiet fejn il-manteniment ikun gie miftiehem bonarjament u**

**inkorporat fi klawsola kontrattwali appovata mill-Qorti kompetenti skond il-ligi u ghalhekk dak li inghid fuq japplika ukoll ghall-kaz odjern u dan ghax kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Bugeja" **[19.2.2004] )**

***"Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza w dak li jiddisponi l-artikolu 338 (z) tal-Kap.9, hu ovvju li dak li japplika ghall-varjazzjoni ta' digriet jew sentenza tal-Qorti japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-manteniment ikun gie miftiehem b'kuntratt ta' separazzjoni."***

Illi ghalhekk l-aggravju li appellant ma setax jew ma jistax ihallas il-manteniment pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni ghax tilef l-impieg jew ghax irid ihallas il-kera , anki kieku kellu jirrizulta – li ma rrizultax ghall-ewwel Qorti ghax jidher li anki meta l-appellant kellu impieg naqas li jhallas xorta wahda u issa jidher li l-impieg tilfu ghax abbandunah hu stess - hu manifestament infondat fid-dawl tal-gurisprudenza gja fuq citata w ghalhekk qed jigi respint. L-istess hu infondat l-aggravju li ma jistax ihallas ghax irid ihallas il-kera.

**Illi jekk l-appellant ma jridx li jitlef ix-xoghol u jigi f' pozizzjoni aghar milli hu w jkollu l-opportunita' li jassisti lill-ommu moribonda , kull ma ried jaghmel kien li jottempera ruhu mall-kondizzjonijiet tal-kuntratt jew inkella jadixxi tempestivament il-Qorti biex jitlob modifika tal-klawsola kontrattwali relattiva w zgur li ma jistax jadduci dan il-fatt bhala aggravju serju . Jekk bhala ksur tal-ligi w s-sentenza tieghu jitlef ix-xoghol, dan ukoll mhux aggravju li jista' jittiehed bis-serjeta' u hu ghal kollox fieragh , ghax kieku ebda persuna li tinstab hatja ta' reat ma tista' tinghata piena restrittiva tal-liberta' ghax titlef xi xoghol waqt li tkun il-habs .**

**Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghaliex tvarja d-diskrezzjoni w l-gudizzju tal-Ewwel Qorti dwar il-motivazzjoni li wasslitha biex tevalwa c-cirkostanzi w l-apprezzament tal-provi li ghamlet dwar il-htija tal-appellant.**

**Illi umbaghad il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija pjenament entro l-parametri tal-ligi w l-piena massima setghet addirittura kienet dik ta' detenzjoni ghal zmien xaharejn skond l-artikolu 7 (2) (a) u 12 (2) tal-Kap. 9. Umbaghad jirrizulta li l-appellant mhux biss huwa recidiv f' reat simili izda addirittura kien iddikjara quddiem l-Ewwel Qorti li din setghet titfghu il-habs ghax hu ma setax ihallas. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-piena zgur li ma hix wahda eccessiva .**

**Illi din il-Qorti pero', kif taghmel dejjem f'dawn il-kazijiet, tat lill-appellant l-opportinita' biex jigi in linea mall-obbligu kuntrattwali tieghu u fil-fatt *"seduta stante"* hallas lill-martu is-somma ta' erba mitt lira Maltin (LM400) u l-istess martu ddikjarat li ghall-fini tal-proceduri odjerni hi sodisfatta b'dan il-hlas li pero' irid jigi imputat ghal l-aktar arretrati antiki tal-ammont totali lilha dovut.**

**Illi ghalhekk in vista ta' dan l-izvilupp pozittiv u l-fatt li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll il-parte civili irrimettew ruhom dwar il-piena, din il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-piena ta' xahar u nofs detenzjoni w minflok tikkundannah ghall-hamsa w ghoxrin lira (LM25) ammenda li jekk ma jithallsux minnufih illum, jigu kkonvertiti f'hamest (5) ijiem detenzjoni skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------